

Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007

- wara li kkunsidra t-talba għal kunsens mill-Kunsill bi qbil ma' l-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE ⁽¹⁾ (C6-0347/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75(1) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0472/2006),
1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan ta' adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, għal tagħmir u partijiet li jstgħu jitwawhlu fuq u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal rikonoxximent reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (Ftehim 1958 Riveduta) (ĠU L 346, 17.12.1997, p.78).

P6_TA(2007)0013**Il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea *****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (COM(2006)0422 — C6-0438/2006 — 2006/0141(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0422) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 170 u 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0438/2006),
 - wara li kkunsidra r-Regoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0470/2006),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Korea.

⁽¹⁾ Għadu mhux ippublikat fil-ĠU.